MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Appell Kriminali Numru. 281/2002

Il-Pulizija
(Spettur M. Buttigieg)
Vs
Martin Brincat

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fid-29 ta’ Gunju 2002 ghall-habta tad-8.45 a.m. fix-Xemxija, limiti ta’ San Pawl il-Bahar:
1) bhala driver ta’ bus tar-rotta u/jew minibus jew motorcar ghall-kiri naqas li jilbes uniformi ta’ mudell kif approvat mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta;
2) waqt li kien driver tal-vettura IMY 341 naqas li jobdi l-ordni legittima moghtija lilu minn E.O. 12 ufficjal ta’ l-Awtorita’, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt il-qadi ta’ dmirijiet (Sec. 338(ee)Chap. 9).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Novembru, 2002, li biha wara li rat l-artikoli MVR 158-131, sabitu hati ta' l-ewwel akkuza w ikkundannatu ghal hmistax il-lira Maltin (LM15) ammenda w illiberatu mit-tieni akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta' Novembru, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu l-esponent ma nstabx hati w gie liberat mit-tieni imputazzjoni dedotta kontra tieghu filwaqt li tirrevokaha in kwantu l-esponent instab hati tal-ewwel imputazzjoni w gie kkundannat ghall-hlas ta' multa ta' Lm15, u tillibera lill-esponent minn kull imputazzjoni w htija.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe' li l-akkuza ma kienetx tispecifika f'liema mit-toroq tax-Xemxija , San Pawl il-Bahar , twettaq l-allegat reat u trattandosi ta' akkuza mwettqa in konnessjoni ma sewqan fit-triq , dan kien rekwizit essenzjali tal-akkuza illi tali triq tigi ndikata; li EO 12 li kien l-uniku xhud tal-prosekuzzjoni qal biss li l-appellant ma kienx liebes uniformi izda ma qalx x'kien liebes u lanqas ma qal x'inhija l-uniformi illi ghandu jkun liebes xufier ta' Mini bus sabiex tkun skond il-mudell approvat mill-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku ; illi la fl-akkuza w lanqas fis-sentenza appellata ma gie ndikat liema provvediment tal-ligi l-appellant kien qed jigi akkuzat li kiser bl-allegat fatt li ma kienx liebes uniformi ta' mudell kif approvat mill-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku .

Fliet l-atti kollha processwali ;

Semghet mill-gdid ix-xiehda ta' EO 12 Angelo Debono fil-kors tas-seduta tal-20 ta' Marzu, 2003;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur fl-istess seduta;

Ikkonsidrat;

Illi l-appell odjern jirrigwarda biss l-ewwel akkuza u cioe' dik li l-appellant ma kienx liebes uniformi ta'mudell kif approvat mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta , meta kien isuq Minibus fid-29 ta' Gunju, 2002 ghall-habta tal-8.45 am , fix-Xemxija, San Pawl il-Bahar .

L-uniku xhud tal-prosekuzzjoni , Enforcement Officer 12, Angelo Debono xehed li fil-jum u hin in kwistjoni kien Xemxija Bay , u kien waqqaf red minibus bin-numru ta' registrazzjoni IMY 341 u d-driver ma kienx liebes it-tag mahruga mill-Awtorita' tat-Trasport u ma kienx liebes uniformi . Hu kien kellem lid-driver u gharfu bhala l-appellant prezenti fl-awla. Meta kien staqsieh ghala ma kienx liebes it-tag , l-appelantl kien harigha mill-glove compartment . Hu kien certissimu li kien kellem lil-appellant dak in-nhar , tant li dan kien indirizza lis-Sur Oliver Bruno , l-ex-operation manager li kien mieghu dak il-hin u qallu "Hawn, Sur Bruno." L-uniformi tikkonsisti f' qalziet blu u qmis celesti , pero' x-xhud ma setax jghid ezatt x'kien liebes l-appellant dak in-nhar . Ghad-domanda tad-difiza jekk fil-fatt l-appellant kienx liebes dawk il-kuluri , ix-xhud wiegeb li kieku kien hekk ma kienx jakkuzah li ma kienx liebes uniformi . Jekk ikun qed jahdem ma kumpanija, allura jilbes l-uniformi mahruga mill-kumpanija w din l-uniformi tkun accettabbli ghall-Awtorita' . Imma l-appellant ma kienx ma kumpanija skond ix-xhud. Hu kien informa lill-appellant li kien ser jirraportah ghax ma kienx liebes uniformi dak il-hin u l-appellant ma qallu xejn b'kumpanija . It-tag ix-xufiera iridu iwahhluha fuq l-ilbies li jkollhom fuqhom.

Illi l-appellant ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti w ergo ma setax jixhed quddiem dil-Qorti .

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu li ma gietx indikata bi precizjoni it-triq fejn gara l-kaz. Irrizulta mix-xhieda ta' EO 12 Debono li din kienet go Xemxija Bay , fejn hemm biss triq wahda w cioe' dik li tiffjanka il-bajja w ghalhekk ma hemmx f' hix tinfixel . Issa skond l-artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali , c-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, w ghandu jkun fiha , fil-qosor, il-fatti tal-

akkuza , bil-partikolaritajiet ta’ zmien u ta’ lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw .

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali “Il-Pulizija vs. Emmanuel Buttigieg” [4.11.1994] ;-

“ …..wara l-introduzzjoni ta’ l-inciz (2) ta’ l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali , li bih ic-citazzjoni ghandu jkun fiha , fil-qosor, il-fatti ta’ l-akkuza , bil-partikolaritajiet opportuni ta’ zmien u l-lok , ic-citazzjoni ghadha mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati . Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita’ taghha , jew tal-proceduri , kompriza s-sentenza, li jsegwuha , izda ghall-fini tal-praticita’ u ta’ evitar ta’ telf ta’ zmien , u cioe’ biex l-imputat x’hin jidher quddiem il-Qorti, ikun jaf fuq hiex ikun gie mharrek , u hekk dak in-nhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta. L-imputazzjoni fil-kawzi sommarji hija dedotta kontra l-imputat proprjament u verament quddiem il-Qorti , u mhux fic-citazzjoni.”

Issa fil-kaz odjern ghar-rigward tal-lok jissemma li l-incident gara go “Xemxija, limiti ta’ San Pawl il-Bahar” . Issa kullhadd jaf li fiz-zona tax-Xemxija hemm triq ewlenija , dik ta’ mall-bahar kif fuq intqal u ghalhekk jidher li bl-uzu tad-dicitura imsemmija fic-citazzjoni kien ikun bizzejjed biex l-appellant ikun jaf ta’ x’hiex ezatt kien qed jigi akkuzat. Hawn non si tratta ta’ xi belt jew rahal b’xi ramifikazzjoni kapillari tat-toroq , pjazez jew sqaqien li setghu talvolta joholqu xi dubju dwar fejn seta gara l-incident li kien qed jigi akkuzat bih l-appellant . Umbaghad konsidrat il-fatt li hu kien twaqqaf minn EO 12 Debono – kuntrarjament ghal dak li jasserixxi gratuitament fir-rikors tal-appell - li kellmu dak il-hin, aktar u aktar l-appellant ma kellux fejn jitfixkel dwar fejn suppost gara l-fatt li kien qed jigi akkuzat bih. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li l-vot tal-ligi dwar ir-rekwiziti tac-citazzjoni gie sodisfatt f’dan il-kaz. Lanqas ma hemm xi difett fis-sentenza ghax ma giertx indikata it-triq fejn gara l-kaz ghax dan mhux rikjest mil-ligi .

Illi anki t-tieni aggravju jidher infondat ghax EO 12 Debono xehed car u tond li l-uniformi kienet tikkonsisti f' qalziet blu w qmis celesti w kien cert li l-appellant ma kienx liebes hekk . Qal ukoll - u f'dan mhux kontradett - li l-appellant ma kienx qed jahdem ma kumpanija w allura ma setax kien il-kaz li kien liebes xi uniformi ta' kumpanija . Xehed ukoll li ma kienx liebes it-tag mahruga mill-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku w li, meta staqsieh ghaliha, harigha mill-glove compartment . L-appellant ma ta' ebda versjoni li biha kkontradica dan kollu. Ghalhekk anki dan l-aggravju hu nfondat .

l-ahhar aggravju tal-appellant hu li la fl-akkuza u lanqas fis-sentenza ma gie indikat il-provvediment tal-ligi li l-appellant kiser bil-fatt li ma kienx liebes uniformi ta' mudell kif approvat mill-Awtorita'. Illi fic-citazzjoni w fis-sentenza hemm riferenza ghall-Motor Vehicle Regulations 158 u 131.

Illi r-Regolament 158 fuq imsemmi , kif emendat , jghid espressament li :-

( 1 ) " Ix-xufier u l-konduttur ta' motor omnibus ghandhom jilbsu waqt ix-xoghol, l-uniformi ta' xufier jew ta' konduttur , skond il-kaz, skond il-mudell u kulur , u bi jew minghajr marki distintivi , skond l-uniformi kampjun relattiva esebita fl-ufficini ta' l-Awtorita' f' Malta jew f' Ghawdex u/ jew f'dak il-lok li jigi stabilit mill-Awtorita' ."

(2) "L-uniformi tax-xitwa ghandha tintlibes mill-1 t' Ottubru ta' kull sena sal-31 ta' Mejju, tas-sena minnufieh wara u l-uniformi tas-sajf ghandha tintlibes mill-1 ta' Gunju, sat-30 ta' Settembru, ta' kull sena."

U r-Regolament 131, kif emendat , jghid :-

"Ix-xufier ta' vettura li ghandha l-licenzja ghall-kiri (li ma tkunx vettura self drive jew motor cycle ghall-kiri) u ta' motor minibus ghat-trasport pubbliku ghandu jilbes fil-qadi ta' dmirijietu uniformi ta' disinn u kulur li jigu approvati mill-Awtorita'."

Il-htiega li jintlibes it-tag mix-xufier m’ghadhiex inkorporata fir-Regolament 131 kif kienet qabel , izda issa tifforma parti mir-Regolament 50 (4) (b) u ( c ) .

Issa fir-Regolament 2 tal-Motor Vehicle Regulations li jirrigwarda “tifsir” tal-kliem uzati fl-istess regolamenti, l-ligi taghmel distinzjoni bejn “motor minibus ghat-trasport pubbliku ” u “motor omnibus” . Tal-ewwel hija definita bhala “vettura bil-mutur, esternament ta’ kulur ahmar u li tkun licenzjata u/jew registrata biex ggorr bi hlas minn hdax sa tmintax il-passiggier , minbarra d-driver.” , fil-waqt li “motor omnibus” tfisser kull vettura bil-mutur li tkun registrata biex iggorr aktar minn tmintax il-passiggier minbarra d-driver.”

Issa kjarament trattandosi ta’ “red minibus” kif deskritta mix-xhud Debono , u mhux “motor omnibus” , ir-regolament 158 fuq imsemmi ma hux applikabbli ghall-kaz.

Jidher li ghan-nuqqasijiet addebitati lill-appellant huma applikabbli biss ir-Regolament 131 dwar l-uniformi w r-Regolament 50 (4) (b) u ( c ). Ta’ l-ewwel gie debitament citat fis-sentenza appellata , tat-tieni le. Pero’ meta l-appellant instab hati tal-ewwel imputazzjoni , kif redatta,instab hati biss li ma kienx liebes uniformi kif suppost ghax din l-imputazzjoni ma taghmel ebda riferenza ghan-nuqqas li jilbes it-tag , imma tirrigwarda biss il-fatt li ma libisx l-uniformi.

Illi Qorti hija sodisfatta li l-ksur tal-ligi dwar in-nuqqas ta’ ilbies tal-uniformi – li wara kollox hija l-unika haga li tissemma fl-ewwel imputazzjoni fejn ma hemmx riferenza ghall-fatt li l-appellant ma kienx liebes it-tag - kif kontemplat fir-Regolament 131 irrizulta b’mod inkontestat mix-xhieda ta’ Angelo Debono u dan il-ksur tal-ligi hu kopert bir-regolament citat fis-sentenza w ghalhekk ma tirrizulta ebda rregolarita’ .

Ghalhekk anki dan l-ahhar aggravju jidher mhux gustifikat .

Ghal dawn il-motivi , l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha.

--------------------------------TMIEM--------------------------------